StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA 2009

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' SENA** **STORJA (OPTION)** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dan is-sors.**

**Aqra sewwa dan is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet.**

"Fl-1918, l-Onor. Francesco (Ċikku) Azzopardi, P.L., ipprova jneħħi t-taxxa fuq il-qamħ ... ressaq mozzjoni quddiem il-Kunsill tal-Gvern ... biċċa mid-diskors ... ta' Azzopardi:

'Aħna lkoll nafu li dan l-aħħar il-prezz tal-ħobż tela minn 5½ soldi jew 5¾ soldi għal 7 soldi r-ratal, filwaqt li qabel il-gwerra ma kienx ħlief 2½ d ir-ratal; u qabel ma reġa' żdied il-prezz diga' kien għoli wisq għall-fqar kollha. Il-ħobż huwa l-ikel ewlieni tal-klassi tal-fqar fil-gżira, u kap ta' familja li għandu paga ta' 2 xelini jew 3 xelini kuljum u bihom irid iżomm lil martu u tlieta, erbgħa jew ħamest itfal, bil-fors ikollu jbati l-ġuħ b'dan il-prezz hekk għoli li wieħed irid iħallas għall-ħobż... Kif jista' jkun li dan l-imsejken fqir jieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha tal-familja tiegħu bil-biċċa salarju li jkollu? Bil-fors ikollu jiddispra.'

Il-mozzjoni ta' Azzopardi ma ssekondaha ħadd."

(sors: Frendo, H. (1970): ***Ir-Rivoluzzjoni Maltija tal-1919***, Malta, pp.23-4.)

1. X'ipprova jagħmel Ċikku Azzopardi?

______________________________________________ (1)

2. Għaliex kien importanti l-ħobż għall-Maltin ta' dak iż-żmien?

______________________________________________ (1)

3. Għaliex taħseb li l-paga ta' kap ta' familja f'dak iż-żmien ma kinitx tajba?

______________________________________________ (1)

4. Għaliex il-qagħda ekonomika tal-familja llum hi aħjar minn dik ta' dak iż-żmien?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. X'taħseb li kien l-effett tal-għoli tal-prezz tal-ħobż fuq il-familji?

______________________________________________________________________

6. Fejn ressaq din il-mozzjoni tiegħu Ċikku Azzopardi ?

______________________________________________________________________ (1)

7. X'effett kien ikollha fuq id-dħul tal-Gvern kieku tneħħiet din it-taxxa fuq il-ħobż?

______________________________________________________________________ (1)

8. Spjega fil-qosor x'ġara fis-*Sette Giugno*.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4)

**(Total 12-il marka)**

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dan is-sors**

> *MALTA DOCKYARD'S ENLARGEMENT.*
> *From the London Truth.*
>
> The Government have decided to lay out a large sum in enlarging Malta Dockyard, and a great deal more work is to be done there in future. It appears that Maltese labor is cheaper than that of Portsmouth or Devonport, but, surely, "My Lords" are not so stupidly shortsighted but that they must be aware that it will be necessary to send out all the materials to the Mediterranean; so that in the end there will not be the saving of a shilling, and the only result will be a vast increase in the discontent which now prevails among our dockyard employes.

The New York Times. August 9, 1884.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

1. Dan is-sors hu wieħed primarju jew sekondarju? Għaliex taħseb hekk?

_______________________________________________

2. X'kien wieħed mill-vantaġġi li kellha Malta meta mqabbla mat-tarznara ta' Portsmouth u Devonport? _______________________________________________ (1)

3. Għaliex, skont dan is-sors, ma kienx jaqbel li jsir investiment fit-tarzna ta' Malta?

_______________________________________________ (2)

4. Għaliex it-Tarzna kienet importanti ħafna għall-Maltin?

_______________________________________________ (1)

5. Semmi gwerra li ġrat matul is-seklu 19 fejn it-tarzna ta' Malta żdidilha x-xogħol.

_______________________________________________ (1)

6. X'tip ta' vapuri kienu jidħlu fit-tarzna ta' Malta fiż-żmien meta deher dan l-artiklu?

_______________________________________________ (1)

**(Total 8 marki)**

**Ċ. Aqra sewwa din it-tabella dwar il-kostituzzjonijiet ta' Malta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

| Kostituzzjoni | Taqsim tal-Kunsill tal-Gvern |
|---|---|
| 1835 | 7 nominati |
| 1849 | 10 nominati 8 eletti |
| 1887 | 6 nominati 14 eletti |
| 1903 | 9 nominati 8 eletti |
| 1921 | 32 eletti |

1. Xi tfisser 'kostituzzjoni'?
_______________________________________________ (1)

2. a. Għall- Maltin, liema kienet l-aħjar kostituzzjoni:

dik tal-1849 jew tal-1887? _______________________________ (1)

b. Għaliex taħseb hekk? _______________________________________________ (1)

3. a. Minn dawn il-kostituzzjonijiet kollha, liema kienet l-aħjar kostituzzjoni għal Malta u Għawdex?

_______________________________________________ (1)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

b. Għaliex taħseb hekk?

________________________________________

4. X'differenza kienet tgħaddi bejn il-membri eletti u dawk nominati?

________________________________________

________________________________________ (2)

5. Semmi żewġ mexxejja Maltin li ħadmu ħafna għad-drittijiet tal-Maltin fis-seklu 19.

________________________________________ (2)

6. Min seta' jivvota għall-ewwel darba skont il-kostituzzjoni ta' Malta tal-1947?

________________________________________ (1)

**(Total 10 marki)**

**D. Ikteb paragrafu ta' madwar tmien sentenzi fuq TNEJN minn dawn.**
B'kollox trid tikteb żewġ paragrafi separati.

1. Il-Kwistjoni tal-Lingwa
2. Ir-relazzjonijiet bejn il-Knisja Kattolika u l-Istat fi żmien l-Ingliżi
3. Il-kriżi politiko-religjuża tas-snin tletin (1930s).
4. L-effetti fuq Malta tal-pesta u epidemiji oħra.
5. L-iżvilupp tas-saħħa pubblika
6. L-istruttura ekonomika ġdida ta' Malta llum

**(10 x 2 = 20 marka)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## It-Tieni Parti - Storja tal-Ewropa

**E. Ħares lejn dawn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet.**



**Sors A**



**Sors B**



**Sors Ċ**



**Sors D**

1. Liema minn dawn is-sorsi huwa sors ta' qabel ir-Rivoluzzjoni Industrijali?

    ______________________________________________________________________(1)

2. Il-mod kif kien isir ix-xogħol wara r-Rivoluzzjoni Industrijali tbiddel. X'kienet din il-bidla?

    ______________________________________________________________________ (2)

3. Taħseb li l-produzzjoni żdiedet wara din ir-rivoluzzjoni?

    ______________________________________________________________________ (1)

4. Liema sors jurina li x-xogħol għal xi ħaddiema sar iżjed iebes?

    ______________________________________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5. Semmi żewġ raġunijiet għala r-Rivoluzzjoni Industrijali bdiet l-Ingilterra.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

6. Semmi żewġ pajjiżi barra l-Ingilterra li saru industrijalizzati malajr fiż-żmien ta' wara.

______________________________________________________________________ (2)

7. Semmi żewġ pajjiżi li baqgħu lura fl-industrija f'dak iż-żmien.

______________________________________________________________________(2)

8. Agħti effett wieħed ta' din ir-Rivoluzzjoni Industrijali.

______________________________________________________________________ (1)

**(Total 12-il marka)**

**F. Aqra s-sors u wieġeb il-mistoqsijiet.**

Wara l-gwerra li ġġieldu bħala alleati fl-1864, l-Awstrija u l-Prussja ma setgħux jiftiehmu fuq kif ħa jmexxu lil Schleswig-Holstein. Għalhekk inqalgħet gwerra fejn il-Prussja, megħjuna minn pajjiż ieħor, rebħet f'qasir żmien. B'hekk il-Prussja saret l-aktar stat Ġermaniż b'saħħtu u xi stati oħra żgħar, li qabel diġa' kienu soċji bil-ftehim taż-Zollverein, ingħaqdu magħha. Għalhekk il-Prussja setgħet tipprepara għall-gwerra li jmiss biex b'hekk tilħaq l-iskop ewlieni tagħha.

1. Kontra min kienet il-gwerra tal-1864 li fiha l-Awstrija u l-Prussja ġġieldu bħala alleati?

______________________________________________________________________ (1)

2. Kemm damet il-gwerra bejn l-Awstrija u l-Prussja? ________________________________(1)

3. Liema pajjiż ieħor għen lill-Prussja fil-gwerra kontra l-Awstrija?

______________________________________________________________________(1)

4. Min kien Prim Ministru tal-Prussja f'dak iż-żmien? ________________________________ (1)

5. Semmi stat Ġermaniż li ngħaqad mal-Prussja f'dak iż-żmien. ________________________ (1)

6. X'kien il-ftehim taż-Zollverein ?

______________________________________________________________________ (1)

7. X'kien l-iskop ewlieni tal-Prussja għall-futur tal-Ġermanja?

(1)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

8. Is-sors jgħid li l-Prussja setgħet tipprepara għall-gwerra li jmiss.

a) Kontra min kienet din il-gwerra? ______________________________________________

b) X'kien ir-riżultat tagħha?

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________ (2)

**(Total 10 marki)**

**Ġ. Ħares lejn is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet.**



1. Min huma ż-żewġ dittaturi li jidhru fis-sors?

_____________________________________________________

_____________________________________________________ (2)

2. Dawn iż-żewġ dittaturi daħħlu lil pajjiżhom fi gwerra ħarxa kontra xi pajjiżi oħra. Semmi żewġ pajjiżi li ġġieldu kontriehom.

_____________________________________________________ (2)

3. X'tissejjaħ din il-gwerra? ___________________________________________________ (1)

4. Għaliex ir-raġel li jidher fuq il-lemin irnexxielu jirbaħ il-poter f'pajjiżu?

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________ (2)

5. X'jissejjaħ il-moviment li dan ir-raġel kien waqqaf f'pajjiżu?

_____________________________________________________________________________ (1)

**(Total 8 marki)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**G. Ikteb paragrafu ta' madwar tmien sentenzi fuq TNEJN minn dawn.**
B'kollox trid tikteb żewġ pararafi.

1. Il-Belġju jsir pajjiż independenti

2. Ir-Rivoluzzjonijiet tal-1848 fl-Imperu Awstrijak

3. L-Italja ssir nazzjon wieħed

4. Il-Lega tan-Nazzjonijiet (*League of Nations*)

5. Il-kriżi ekonomika ta' bejn iż-żewġ Gwerer

6. Il-Faxxiżmu fl-Italja

**(10 x 2 = 20 marka)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers